# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Numru : 30**
**Citaz. Numru : 536/01/RCP**

**Tower Products Ltd**

**vs**

**MA Supermarkets Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta` attrici kienet tforni regolarment lis-socjeta` konvenuta b'hobz u bi prodotti ohra ta' pastizzerija, forn u helu, liema prodotti s-socjeta` konvenuta kienet tbiegh fin-negozji taghha.

Illi ghal dawn il-prodotti referiti fil-premessa ta’ qabel din is-socjeta` konvenuta baqghala thallas lis-socjeta` attrici bilanc ta’ elf tlett mija u disa’ u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1329.52).

Illi s-socjeta` konvenuta offriet kemm il-darba li thallas dan il-bilanc permezz ta’ cekkijiet li qatt ma gew onorati mill-bank li fuqu kienu mahruga.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu, hija baqghet inadempjenti.

Illi fil-fehma ta’ l-atturi dan id-debitu huwa wiehed cert likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet xi tqanqal u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista’ tipprocedi ghas-sentenza ai termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civli, bid-dispensa tas-smigh.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. taqta’ u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-kap 12 tal-Ligjiet ta’ Matla.

2. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1329.52).

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta' elf tlett mija u disa u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1329.52).

4. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-imghaxijiet dovuti fuq rata kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effetti.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-6 ta' Frar 2001 u flimkien ma dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

Is-socjeta` konvenuta tinsab mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina, ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic--cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotti, fic-citazzjoni b'dan illi:

2. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1329.52).

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici din is-somma ta' elf tlett mija u disa u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm1329.52).

4. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-imghaxijiet dovuti fuq rata kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effetti.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fis-6 ta' Frar 2001 u flimkien ma dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**25 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 t'April, 2001**